Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

**Appell Numru: 276 / 2019**

Il-Pulizija

vs

**Patrick Mangion**

Illum, 12 ta' Dicembru 2019.

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellat Patrick Mangion, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 68773 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli nhar is-26 ta' Mejju, 2019, ghall-habta tal-10:45 ta' filghodu gewwa l-lokalita' tar-Rabat Malta:-

1. Minn gewwa vettura tal-ghamla Fiat bin-numru ta' registrazzjoni LIV 182, ikkommetta serq ta' flus kontanti ghad-dannu ta' Aaron Mifsud u/jew ta' persuna jew persuni ohra, liema serq huwa kkwalifikat bix-xorta tal-haga misruqa;

2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament qal fil-pubbliku kliem oxxen jew indicenti jew ghamel atti jew gesti oxxeni jew b' mod iehor offenda id-dicenza pubblika;

3. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi insulenta, hedded jew ingurja bi kliema lil Alec Anthony Mifsud;

4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi naqas milli jhares il-kundizzjonijiet impostI fuqu mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta (Magistrat Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D) b' digriet datat 14 ta' Dicembru, 2017, u varjati parzjalment permezz ta' digriet iehor moghti nhar it-12 t' Ottubru, 2019, li permezz tieghu nghata l-helsien mill-arrest b' diversi kundizzjonijiet.

5. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi naqas milli jhares il-kundizzjonijiet impost fuqu mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta (Magistrat Dr. Donatella Frendo Dimech LL.D.) b' digriet datat 17 ta' April, 2019 li permezz tieghu nghata l-helsien mill-arrest b' diversi kundizzjonijiet.

Il-Qorti hija mitluba li f' kaz ta' htija, flimkien mal-piena skont il-ligi, tordna r-revoka *contrario mperio* tad-digrieti li bihom Patrick Mangion inghata l-beneficcju tal-helsien mill-arrest u tordna l-arrest mill-gdid tal-imsemmi imputat, u kif ukoll tordna li ssomom bhala depozitu u garanziji personali jghaddu favur il-Gvern ta' Malta kif stipulat fl-Artikolu 579 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija mitluba wkoll li f' kaz ta' htija tqis lill-imputat bhala li sar recediv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li kien misjub hati ta' diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti hija finalment gentilment mitluba wkoll sabiex f' kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x' jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplati fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-24 ta' Settembru, 2019, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 49, 50, 261, 271, 281, 289, 338 (bb), 339 (1)(e), 533 u 579 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat hati tat-tieni (2) u t-tielet (3) imputazzjoni, ma sabitux hati ta' l-ewwel (1), ir-raba' (4) u l-hames (5) imputazzjoni stante li ma jirrizultawx, ikkundannatu ghal perjodu ta' xahar detenzjoni li minn dan il-perjodu ghandu jitnaqqas iz-zmien li l-hati ghamel taht arrest preventiv.

Rat ir-rikors tal-appellanti Avukat Generali minnu pprezentat fis-17 t' Ottubru, 2019, fejn talab lil din il-Qorti jogħġobha **tirriforma** is-sentenza appellata billi **tikkonferma** dik il-parti fejn sabet lil **Patrick Mangion** ħati tat-tieni (2) u t-tielet (3) imputazzjonijiet u **tħassar** dik il-parti fejn ma sabitx lil **Patrick Mangion** ħati tal-ewwel (1), tar-raba' (4) u tal-ħames (5) imputazzjonijiet u minflok issibu ħati tagħhom skont l-akkuża u tinfliġġi piena ekwa u ġusta skont il-liġi.

Rat **illi l-aggravji huma ċari u manifesti u jikkonsistu f' dan li ġej.**

Illi fit-tletin (30) ta' Settembru tal-elfejn u dsatax (2019) il-Kummissarju tal-Pulizija ntavola nota li kien bi ħsiebu jappella mis-sentenza fl-ismijiet premessi u sussegwentement u cioe' fit-tnejn (2) ta' Ottubru, 2019 l-esponent għan-nom tal-Avukat Ġenerali rċieva l-atti tal-kawża fejn ħassu manifestament aggravat b' tali sentenza in kwantu li l-ewwel Onorabbli Qorti għamlet enunċjazzjoni żbaljata tal-liġi meta ġiet biex tiddeċiedi l-każ odjern;

Illi l-aggravju tal-esponent Avukat Ġenerali jirrigwarda prinċipalment il-kunklużjoni tal-Qorti fejn illiberat lill-appellat mill-ewwel (1) imputazzjoni peress li skontha din ma kinitx tirriżulta u għalhekk illberatu minnha. Illi trattandosi ta' deċiżjonijiet tal-Qorti tal-Maġistrat, hu prinċipju ormaj stabbilit fil-ġurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-

każ ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati kif ukoll fil-każ ta' appelli minn verdetti u sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax il-konklużjoni tal-Qorti tal-Maġistrati jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha. Fi kliem ieħor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi eżerċitata mill-Ewwel Qorti, iżda tagħmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kinetx raġjonevoli u legalment korretta fil-konklużjoni tagħha. Jekk iżda din il-Qorti tasal għall-konklużjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setgħetx raġjonevolment u/jew legalment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha, allura din tkun raġuni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konklużjoni tal-Qorti tal-Maġistrati;

Illi l-Qorti tal-Maġistrati għalkemm ikkonkludiet li l-vettura verament kienet ipparkjata fid-drive-way ta' **Saviour Mifsud** u li ma kienx iġġustifikat li Patr**ick Mangion** qabad u daħal fi ħwejjeġ ħaddieħor bla permess, ġaladarba ma kinitx konvinta li fil-vettura kien hemm flus kontanti dak in-nhar tal-akkadut skont l-ewwel imputazzjoni lliberatu minnha u waqfet hemmhekk. Illi huwa propju dan ir-raġunament tal-Qorti li l-esponent legalment ma jistgħax jaqbel miegħu tant li qed jappella minnu.

Illi ħarsa lejn il-liġi skont il-kodiċi kriminali senjatament taħt l-artikolu 467(4) tal-Kodiċi Kriminali nsibu li "*Meta ma jiġix ippruvat ir-reat kif miġjub fl-att tal-akkuża, iżda mis-smigħ tal-kawża jinsab jew li sar l-istess reat imma ta' xorta anqas aggravanti jew reat iżgħar inkella attentat biss, basta li dawn ikunu kompriżi jew involuti f' xi parti tal-att tal-akkuża, il-ġuri jista' jew jeskludi ċ-ċirkostanzi aggravanti jew iżid dawk iċ-ċirkostanzi li jagħmlu r-reat ta' xorta anqas aggravanti, jew isib l-akkużat ħati ta' reat iżgħar jew ta' attentat, inkella tal-fatti li jagħmlu dak ir-reat iżgħar jew l-attentat, skont ma jkun il-każ…*". Illi din id-dispożizzjoni tapplika u tgħodd ukoll għal-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' ġudikatura kriminali bl-artikolu 525(3) tal-Kodiċi Kriminali.

Illi ġaladarba l-ewwel Qorti ma ġġustifikatx il-fatt li l-appellat qabad u daħal fi ħwejjeġ ħaddieħor bla permess u ġaladarba mill-provi prodotti jirriżulta bla ebda dubbju li l-appellat kien hemmhekk bl-intendiment li jisraq mill-vettura biex verament issir ġustizzja ma kulħadd l-ewwel Qorti ma kellhiex triq oħra ħlief li ssib lill-appellat ħati ta' attentat ta' serq mill-istess vettura.

Illi dana qed jingħad għas-sempliċi fatt li mill-provi prodotti jirriżulta li l-atteġjament tal-appellat kien tali li *se mai* jekk ma laħaq seraq xejn mill-vettura ċertament kien hemmhekk biex jisraq dak li seta jsib. Illi fix-xiehda ta' **Mary Mifsud**[1] naraw kif ipprova jiġġustifika l-preżenza tiegħu fid-*drive-way* tagħha billi qalla li kien hemm għax bgħatu missierha biex jara l-vettura li nstab fiha, tispjega kif *beda jaħbi wiċċu, jipprova jaħbi wiċċu u jgħolli l-barnuża.* Illi l-istess xhud tispjega kif l-appellat kien nofsu ġewwa l-vettura tagħhom.

Illi in oltre għalkemm irriżulta li l-vettura tiegħu kienet filfatt ipparkjata fil-kantuniera tat-triq ftit metri l-bogħod minn fejn instab, hekk kif ikkonfermat minnu stess fl-istqarrija tiegħu, tant kemm kien qiegħed fil-ħażin, li meta telaq jew ħarab minn fuq il-post flok irrikorra għall-vettura tiegħu mar in-naħa l-oħra tat-triq.

Illi *di piu* fix-xiehda ta' **Anthony Saliba**[2] nsibu li dak in-nhar huwa nzerta għadda minn hemm bil-vettura tiegħu Landrover għax mar jara lil ħuh li joqgħod f' dik it-triq u fi triqtu lura malli naqqas il-veloċita tiegħu peress li kien hemm rampa fit-triq l-appellat qabad *daħħal idejh fil-karozza u daħal.* Illi peress li meta kien qed isuq seta jinnota li din il-persuna li daħlet fil-vettura tiegħu kien qed jiġi segwit minn persuni oħra u saqsih x' inqalalu l-appellat għal darba oħra jerġa jinvinta sitwazzjoni oħra fejn iġġustifika ruhu

---

[1] Fol 66 et seq

[2] Fol 66, suppost l-paġna kellha taqra 106 et seq

*"għax qabduni fis-sodda ma mara ta' wieħed minnhom".* Illi għalkemm ix-xhud offrielu li jieħdu l-policlinic peress li beda jżomm wiċċu bid-daqqiet li suppost qala l-appellat irrifjuta u kompla jispjega li kif *wasalna s-Saqqajja, rajt il-pulizija. Għidtlu ħa nieqaf u rraporta. Malli għedtlu hekk biddel it-ton. Qalli qed ngħidlek suq. Jien ħarist lejh u għidt hawn x' hawn. Waslet tiegħi. Kellu jdejh fil-but. Fil-but ma nafx x' għandu.* Illi fl-umli opinjoni tal-esponent dan l-atteġjament żgur li ma huwiex ta' persuna li suppost kien tal-virtu biex jara vettura! Illi dawn kollha huma provi ċirkostanzjali li lkoll jimpuntaw f' direzzjoni waħda lejn l-appellat u l-intenzjoni doluża tiegħu li jikkommetti serqa mill-vettura de quo.

Illi bla preġudizzju għas-suespost, għalkemm l-esponent jifhem id-dubbju li baqa' jaħkem lill-Qorti tal-Maġistrati, fejn għalkemm il-vittmi kkonfermaw li fil-vettura kien hemm nieqsa l-għoxrin ewro (€20) u xi muniti ta' flus, il-mod kif xehed **Saviour Mifsud,** il-persuna li kienet tagħmel użu mill-vettura de quo, għalkemm qal li *normalment* kien iħalli nota tal-għoxrin ewro (€20) rrumblata u/jew ippakjata fl-*ashtray* kif ukoll xi muniti għal meta jmur jixtri, xorta waħda ma kkonfermax fix-xiehda tiegħu li dak in-nhar tal-akkadut fil-vettura kien hemm tali flus. Illi madankollu xorta waħda jibqa' il-fatt, bla ebda dubbju dettat mir-raġuni, hekk kif appena ndikat, li nhar is-sitta u għoxrin (26) ta' Mejju tal-2019 l-appellat ittanta jagħmel serqa mill-imsemmija vettura u li tali serqa ma seħħetx minħabba ċirkostanzi aċċidentali li jmorru lil hinn u indipendenti mill-volonta' tiegħu biex tali serqa ma ġietx kommessa. Illi jsegwi li għalkemm il-prosekuzzjoni naqset milli tipprova r-reat kif miġjub skont l-ewwel (1) imputazzjoni, dak tas-serq ta' flus kontanti mill-vettura FIAT – LIV 182, mill-provi prodotti huwa lampanti u evidenti kemm l-appellant ipprova jikkommetti serq mill-imsemmija vettura u għaldaqstant jirriżulta reat iżgħar minn dak ipprospettat fil-kumparixxi dak tal-attentat ta' serq mill-istess vettura b' dana li fl-umli opinjoni tal-esponent l-ewwel Qorti kellha ssib lill-appellat ħati ta' attentat ta' serq bil-kwalifika tax-xorta tal-ħaġa misruqa skont l-artikoli 467(4) u 525(3) tal-kodiċi kriminali u

konsegwentement ħati wkoll tal-ksur tal-kundizzjonijiet skont ir-raba' (4) u l-ħames (5) imputazzjonijiet rispettivament.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat;

Illi in breve jirrizulta li l-appellat Patrick Mangion fis- 26 ta' Mejju, 2019 kien jinsab gewwa l-lokalita' tar-Rabat Malta, senjatament fil-parti imsejha ta' Virtu'. Mary Mifsud lemhet lil persuna li quddiem l-Ewwel Qorti identifikat bhala l-imputat rasu imdahhla fil-vettura tal-familja taghha liebes iswed. Meta gie kkonfrontat skont Mary Mifsud huwa qalilha li kien baghtu missierha jaralha l-karozza u wara li qaltlu li dan ma kienx vera huwa infexx jidghi u joffendiha. It-tfal ta' Mary Mifsud hargu mid-dar u segwew lill-imputat li harab minn fuq il-post filwaqt li hadulu filmat huwa u jiprova jahrab minnhom filwaqt li beda joffendihom sakemm riekeb f'vettura li kienet ghaddejja. Ghalhekk inhargu l-imputazzjonijiet fil-konfront tal-appellat.

Illi l-aggravju tal-appellant Avukat Generali jirrigwarda principalment il-konkluzjoni tal-Qorti fejn illiberat lill-appellat mill-ewwel imputazzjoni. L-appellant Avukat Generali issottometta li ghalkemm l-Ewwel Qorti ikkonkludiet li l-vettura verament kienet ipparkjata fid-*drive way* ta' Saviour Mifsud u li ma kienx iggustifikat li Patrick Mangion qabad u dahal fi hwejjeg haddiehor bla permess, gialadarba ma kinitx konvinta li fil-vettura kien hemm flus kontanti dak in-nhar tal-akkadut skont l-ewwel imputazzjoni illiberatu minnha u waqfet hemmhekk. Li huwa dan ir-ragunament tal-Qorti li l-appellant ma jaqbilx mieghu. Huwa jaghmel referenza ghall-artikolu 467(4) tal-Kodici Kriminali, liema artikolu skont l-istess Avukat Generali japplika u jghodd

ukoll ghall-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali bl-artikolu 525(3) tal-Kodici Kriminali.

Skont l-appellant gialadarba l-Ewwel Qorti ma ggustifikatx il-fatt li l-appellat qabad u dahal fi hwejjeg haddieor bla permess u galadarba mill-provi prodotti jirrizulta bla ebda dubbju li l-appellat kien hemm bl-intendiment li jisraq mill-vettura biex verament issir gustizzja ma kullhadd, l-Ewwel Qorti ma kellhiex triq ohra hlief li ssib lill-appellat hati ta' attentat ta' serq mill-istess vettura. L-appellant Avukat Generali jaghmel referenza ghal provi li jindikaw li l-appellat kien hemmhekk biex jisraq dak li seta' jsib. L-appellant jishaq li l-appellat ittanta jaghmel serqa mill-imsemmija vettura u li tali serqa ma sehhetx minhabba cirkostanzi accidentali li jmorru lil hin u indipendenti mill-volonta' tieghu biex tali serqa ma gietx kommessa. Li ghalkemm il-prosekuzzjoni naqset milli tipprova r-reat kif migjuba skont l-ewwel (1) imputazzjoni, dak tas-serq ta' flus kontanti mill-vettura FIAT - LIV 182, mill-provi prodotti huwa lampanti u evidenti kemm l-appellat ipprova jikkommetti serq mill-imsemmija vettura u ghalhekk irrizulta reat izghar minn dak ipprospettat fil-kumparixxi u cioe' dak ta' attentat ta' serq mill-istess vettura bil-kwalifika tax-xorta tal-haga misruqa skont l-artikoli 467(4) u 525(3) tal-Kodici Kriminali u konsegwentement hati wkoll tal-ksur tal-kundizzjonijiet skont ir-raba' (4) u l-hames (5) imputazzjonijiet rispettivi.

Ikkunsidrat;

Illi l-appellant Avukat Generali fl-appell tieghu mhuwiex jissottometti li l-Ewwel Qorti kellha ssib lill-appellat hati ta' serq izda tar-reat ta' attentat ta' serq. Mary Mifsud fis-seduta tas-sitta (6) ta' Gunju tas-sena elfejn u dsatax (2019) xehdet li fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Mejju '*ghal xi l-ghaxra u kwart (10:15) il-Hadd, jiena u r-ragel tlaqna mid-dar biex immorru ghand ta' faccata fuq il-farm ghax kellna attivita'. Kellna attivita' hemmhekk. U x'hin wasalna hemmhekk qisu wara xi kwata irrejalizzajt li ma kellix il-portmoni fil-handbag. Biddilt il-handbag u ma kellix. Hallejt il-handbag mar-ragel bil-mowbajl b'kollox, hadt ic-cwievet u kemm inzilt in-nizla u qsamt it-triq. X'hin wasalt fejn id-drive-way, fejn il-garaxx, fil-karozza,*

*tlett kwarti minnu nara persuna rasha mdahhla fil-karozza, kull ma bdejt nara jien saqajn xi haga liebsa l-iswed u ghidt "hawn, hawn". Bdejt nghajjat. "Min int? Min inti?" Dan beda johrog bil-mod il-mod. Qalli "missierek qalli biex nigi nara l-karozza." Ghidtlu "missieri ma qalli xejn", ghidtlu "x'qed taghmel hawn? Din private property?" In the mean time hu beda jahbi wiccu, jipprova jahbi wiccu u jgholli l-barnuza. Beda jdur mal-karozza biex johrog minn naha l-ohra tad-drive-way. Jien ghidtlu li din private property. Bdejt nghajjat. Bdejt nghajjat "pulizija, pulizija". Fexx jidghi u joffendini u beda johrog bil-mod. In the meantime kelli t-tfal gewwa u hargu t-tnejn minnhom u ffolowjah. Jiena sakemm huma ffolowjawh bqajt ghassa taghhom biex jekk imisshom, iweggaghhom jew xi haga. Ergajt dhalt biex nara x'ghamel fil-karozza. Fil-passenger seat insiblu l-mowbajl ghax jien nahseb hsadtu. Ma pretendinix nahseb li gejja lura, ma nafx u hsadtu u halla l-mowbajl hemm...*' Spjegat li '*Kellu tip ta' tracksuit sewda. Kellu xi haga mal-left knee, xi haga bajda u kull darba beda jgholli l-hood tat-tracksuir li kellu....*' Meta mistoqsija jekk sabu xi haga nieqsa mll-vettura wiegbet '*Ir-ragel. Qal li sab ghoxrin ewro u ftit coins ghax ihallihom minhabba petrol.*' Hija cahdet li ghajritu halliel jew li semghet lil xi hadd jghajru halliel.

Alec Mifsud fis-seduta tas-6 ta' Gunju 2019 spjega li '*Ghal habta tal-ghaxra u nofs (10:30) kont qieghed id-dar u fil-pront smajt lill-ommi barra tghajjat. Hrigna biex naraw x'gara u rajna r-ragel hiereg minn god-drive way niezel fit-triq, fin-nizla u ahna ffolowjajnieh u hadnielu video bil-mowbajl.*' Spjega li '*waqt li konna, kont qed niehu dan il-video, waqfet din il-vettura u s-sinjur waqaf ikelmu fit-triq u rikeb fil-karozza u saq mieghu.*' Huwa kkonferma li ghajjat lil appellat halliel madwar erba' (4) jew hames (5) darbiet. Aaron Mifsud xehed ukoll fl-istess seduta fejn spjega li '*Bazikament kont isfel qed nara television filghodu u nisma' lill-ommi minn barra tghajjat "pulizija, pulizija". Hrigt barra, kien hemm hija wkoll, u nara persuna niezla t-triq minn naha t'isfel tat-triq taghna. Komplejna niffolowjawha. Hija ha l-video. Din il-persuna bdiet toffendina.*' Spjega li '*Bdiet tghidilna bil-mejtin taghna, "m'ghamiltilkom xejn" u dan it-tip. Jekk trid nista' nghid ezatt x'qalet imma kien vulgari. Kliem vulgari u hemm fil-video wkoll. Waqt li hija kien qed jigbed il-video, jiena cempilt lill-pulizija u nfurmajthom b'dak li kien qed jigri, fejn konna, wara u min konna qed inkunu. Bdejt nipprova naghti deskrizzjoni tal-persuna. Bazikament giet karozza ohra mbaghad u dan il-*

*persuna rikeb fil-karozza u telqu..*' Spjega li l-vettura hija registrata f'ismu izda juzaha missieru. Ikkonferma li huh ripetutament beda jghid lill-appellat '*halliel*'.

Saviour Mifsud fis- 6 ta' Gunju, 2019 xehed li '*nzilt nara x'kien hemm nieqes mill-karozza u jiena normalment inzomm xi twenty euro ghal petrol imkahhla, mdawra sew fl-ashtray sewwa, u xi euros ukoll ghal trolleys meta mmur naghmel ix-shopping. Qed tifhem x'inhi. U la twenty euro karta mitwija sew ma sibt u lanqas certu euros li kien hemm.*' Dawn kienu fl-vettura tat-tip Punto bin-numru LIV 182 ipparkjata fid-drive in. Qal li kienet l-ewwel wahda taffacja l-garaxx u warjaha kien hemm tal-mara. In kontro-ezami ikkonferma li l-vettura kienet fid-*drive in* u li ma kinitx illokjata ghalkemm maghluqa.

Interessanti huwa dak li xehed **Anthony Saliba** il-persuna li kien ghaddej bil-vettura tieghu meta l-appellat dahal fil-karozza tieghu. Huwa xehed fl-4 ta' Lulju 2019 fejn spjega li '*Kont ghaddej minn hemm, wasalt ma sleeping policeman. Kelli nieqaf ovvjament, bil-fors ghax sleeping policeman gholja, u dan ir-ragel rajthom qed jimxu warajh. Ma nafx x'gara ovvjament. Kelli t-tieqa tieghi u t-tieqa tal-passiggier miftuha ghax kienet shana. Gejt mas-sleeping policeman, kelli nieqaf bil-fors u dan ir-ragel qabad, gie lejn il-karozza, dahhal idejh fil-karozza u dahal.*' Spjega '*U jien qed nghidlu "x'ghandek bzonn?". Hu dar fuqi, qalli "nehhini minn hawn", jew kif qalha nsomma. Qalli "ghax qed isawtuni". Jien sadanittant meta kien qed jipprova jiftah il-bieb, qed nipprova nimbuttalu jdejh milli jaqbad il-pum ghax ma tinfetahx minn barra habba l-lock u rnexxielu jidhol. Qalli "suq, suq suq, ghax qed isawtuni". Jien dort fuqu u ghidtlu "ghalfejn qed isawtuk?" Qalli "ghax qabduni fis-sodda ma mara ta' wiehed minnhom". Dik li gara. U soqt bil-mod. Jien offrejtlu li niehdu l-policlinic ghax beda jaghtti wiccu habba li qala' daqqa ta' ponn suppost go wiccu. Irrifjuta. Qalli "issa se niehu hsiebha jien". Bqajt insuq. Sadanittant kien eccitat hu. Jien ovvjament ukoll. Wasalna s-Saqqajja, rajt il-pulizija. Ghidtlu "ha nieqaf u rraporta". Malli ghidtlu hekk biddel it-ton. Qalli "qed nghidlek suq". Jien harist lejh u ghidt hawn x'hawn. Waslet tieghi. Kellu jdejh fil-but. Fil-but ma nafx x'ghandu. U hekk ghamilt. Komplejt insuq, dort ma, is-Saqqajja m'hemmx dik il-x'jisimha hawn, hdejn il-gabbani. Dort hemmhekk, inzilt in-nizla ma dak il-casino l-antik, bqajt niezel u wasaltu sac-cimiterju tal-Inglizi hdejn Ta' Qali, u nizel hemm...*' Ir-rapport tal-Pulizija fost

affarijiet ohra a fol 48 jjiprovdi li Mary Mifsud '*stqarret li ghal habta tal-10:45hrs harget mid-dar u mal-karozza taghha nru ta' registrazzjoni LIV 182 tal-ghamla Fiat rat ragel ta' statura twila u qawwi li kien liebes ilbies skur b'hoody li kien bil-bieba tal-passiggier miftuha u nofsu fil-karzza jfittex. Hi stqarret li staqsitu x'kien qed jaghmel, fejn hu wegibha li kien baghtu missiera. Hi wegbitu li ma kienx vera li missierha bghatu jmissilha l-karozza. Hi stqarret li f'dak il-hin telaq minn fuq il-post. U wara nnotat fil-karozza taghha halla mobile phone ta' kulur blue tal-ghamla Nokia.*'

L-appellat irilaxxa stqarrija fit- 28 ta' Mejju 2019. Huwa kkonferma li fis-26 ta' Mejju, 2019 u cioe' jumejn qabel kien qieghed ir-Rabat Malta fiz-zona maghrufa bhala Tal-Virtu'. Spjega li '*Jiena kelli karozza ghall-bejgh, ghax bhalissa mhux nuzaha, qeghda hemm hekk ghalxejn. Hemm ragel it-Triq ta' Birkirkara, qatt ma kellimtu u dilettant tal-karozzi kbar u ghidt ha nsaqsi lil dan ir-ragel. Dan qalli li darba kien biegh karozza l'hemm lejn tal-Virtu, lejn tas-silencers, triq fuq ix-xelllug, xi seba' bibien l-isfel jew kwart tat triq u qalli li lil min bieghha, minn hemm kien hallasni. Dan baghtni hemm u bdejt infittex u ma rajtx karozzi. Ikkalkulajt il-qies, ghidt ha nhabbat hawn, ma fetah hadd, u ftaht il-bieba tal-karozza biex indoqq il-'horn'. Giet mara u bdeit tghidli halliel. Jien dak il-hin ippanikkjajt ghax ghandi kaz, tlaqt l' hemm ma rsaqtx lejn il-karozza tieghi biex ma jarawiex fuq il-'video' u nispicca ma nbieghiex. Irrid nghid ukoll illi hargu t-tfal taghha jigbdu il-'video'*.' Jghid li kien se jdoqq il-horn '*u ma gerfixtx xejn*.' Ikkonferma li halla l-mobile fil-vettura li nqabad gewwa fiha ghax tant kemm tfixkel. Ma kienx jaf il-persuna li waqqaf u riekeb mieghu, jghid li '*Fixkluni bdew jghajjruni halliel*'. Mistoqsi '*Nghid sew li inti geghltu jwasslek fejn ic-Cimiterju tal-Inglizi gewwa l-Imtarfa?*' wiegeb '*Iva mela biex nahrab minn hemm, u thawwad jien ghax propja fil-bidu ried nieqaf imma gennewni. Mela jien daqshekk iblah se mmur naghmel dawn il-kummiedji ghandi dak il-kaz. Jien ghidlu li mortlu mal-mara u li kelli ferita f'wicci, biex ma jarax wicci u ma jkunx jaf minn jien.*' Spjega li '*Mill-Imtarfa mxejt lejn Haz-Zebbug, imbaghad iddubbajt 'mobile' minghand bniedem u cempilt lit-tifla tieghi. Imbaghad hallejt il-bicca toqghod naqra ma jmurx nerga nsibhom ma' wicci, u t-tifla wasslitni ghal-karozza li jien hallejt fil-kantuniera gewwa tal-Virtu*'.' Ir-Rabat mar wahdu u cahad li seraq ghoxrin ewro. Spjega li '*Jiena dawn l-affarijiet u cioe' li sibt karozza miftuha u ndoqqlu il-'horn' gieli ghamilti. Jien ma kelli*

*skop ta' xejn. Jiena baghatni bniedem hemm. Dan il-bniedem huwa Carmel Borg li ghandu mobile number 99671930. Dan huwa dealer, ghandu 'yard' Birkirkara hdejn il-'Golden Seven'.'* Mistoqsi '*Imma inti lil dawn in-nies ghalfejn ma ghidtilhomx dak li ghidt lili. Ghalfejn ilbist il-hoody u hrabt minn fuq il-post. La ma ghamilx xejn ma kellekx ghalfejn tahrab. Ma tahsibx li r-reazzjoni tieghek tikkondradixxi dak li qed tghid?*' Wiegeb '*Fixkluni fuq il-pledge. Jien ghidt li mhux ser nigi emmnut. Tfixkilt.*' Huwa kkonferma li ghadu kif inghata l-helsien mill-arrest fis-sbatax (17) ta' April u li ghandu kundizjonijiet ohra tal-liberta provizorja tant li kkonferma li ghandu kaz iehor.

L-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata qieset li '*Hawnhekk il-Qorti trid tezamina dak illi qal Saviour Mifsud ghaliex x-xhieda tieghu hija l-unika prova ta' dak li tista' tirrizulta bhala r-res furtiva ta' dan il-kaz. Saviour Mifsud qed jghid li "normalment" izomm ghoxrin Ewro (€20) u xi muniti ghat-trolleys fil-karozza, pero' ma jghidx per cert li dak in-nhar kien hemm dawn il-flus, ghalhekk il-Qorti qed tehodha li kien taht l-impressjoni li huwa kien halla dawn il-flus hemmhekk ghaliex "normalment" hekk jaghmel. Izda in dubio pro reo, u peress li ma jirrizultax minghajr dubju dettat mir-raguni li effettivament Saviour Mifsud kellu dawn il-flus fil-karozza tieghu, il-Qorti ma tistax ssib lill-imputat hati ta' l-ewwel (1) imputazzjni. Oltra dan, din il-karozza ma kien fiha l-ebda sinjal ta' zgass, veru li kienet parkjata fid-drive-way ta' Saviour Mifsud u veru li mhux gustifikat li Patrick Mangion qabad u dahal fi hwejjeg haddiehor bla permess izda, ladarba din il-vettura kellu access ghaliha haddiehor (ladarba kienet miftuha), il-provi iktar qed jigbdu lejn id-dubju milli lejn ic-certezza.*' Din il-Qorti izda filwaqt li taqbel mal-Ewwel Qorti li ma giex ippruvat minghajr dubju dettat mir-raguni li l-appellat serq ghoxrin ewro (€20) u muniti ohra minn din il-vettura u dan tenut kont tal-fatt li Saviour Mifsud xehed li '*normalment inzomm*' dawn il-flus u li ma sabx la l-flus u lanqas l-ewro, u ghalhekk ma jistax jinghad li b'certezza li dakinhar kellu dawn il-flus fil-vettura li sussegwentement gew nieqsa. Biss pero' dan ma jfissirx li l-Qorti ma setghetx issibu hati tar-reat minuri u cioe' dak tal-attentat ta' serq.

Kif ikkunsidrat fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spt. Louise Vella) Vs Peter Borg'**[3]:

***'Jekk lill-Ewwel Qorti ma rrizultalhiex li kien hemm xi offiza li taqa' taht xi wahda mill-ipotesijiet prospettati fl-artikolu 218 , ma kellhiex tieqaf hemm, imma kellha tindaga w tiddeciedi jekk fil-fatt irrizultatx xi offiza li taqa' taht l- ipotesijiet prospettati fl-artikolu 216 u anki hawn, jekk dan ma kienx il-kaz, kellha tindaga ulterjorment jekk kienetx tirrizulta xi offiza ta' natura hafifa taht l- artikolu 221 u dana bhala reat kompriz u involut fir- reat aktar gravi kontemplat fl-artikolu 218. Dan partikolarment meta kienet gja esprimiet ruha u ddecidiet fis-sentenza appellata li l-appellat kien "*** *hebb, attakka u kkaguna ferita fuq il-persuna tal-mara tieghu Censina Borg."* ***kif fuq citat.***

***Illi ma hemmx dubju li r-rinviju ghall-gudizzju li jaghmel l-Avukat Generali ghandu jitqies bhallikieku hu att ta' l-akkuza, u hekk kif fuq att ta' akkuza, skond l-artikolu 467 (4) il-guri (jew il-Qorti) tista' ssib htija ta' reat jew reati izghar, basta li dan jew dawn ir-reati jkunu komprizi w involuti f' xi parti ta' l-att ta' l-akkuza, hekk ukoll il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tista' ma ssibx htija skond l-artikoli ndikati fir-rinviju ghall-gudizzju tal- Avukat Generali imma ssib htija ta' reat jew reati minuri komprizi u involuti. Dan ghaliex ir-regoli imsemmija fis-subartikoli (2) u (4) tal-artikolu 467 tal- Kodici Kriminali gew dejjem ritenuti lli japplikaw ghall- Qrati ta' Gustizzja Kriminali kollha. (Ara. App. Krim.*** *"Il- Pulizija vs. omissis u Carmelo Agius"* ***[24.5.2002],*** *"Il- Pulizija vs. Emmanuel Camileri et"* ***[23.11.2001]*** *"Il-Pulizija vs. Andrew Ellul Sullivan et"* ***[20.3.2003] ,*** *"Il-Pulizija vs. Michael Carter"* ***[7.12.2001] u ohrajn.)***

*Ghalhekk l-Ewwel Qorti kellha tindaga jekk fil-fatt irrizultax xi reat kompriz w involut qabel ma tillibera ghal kollox lill- appellat kif ghamlet. Dan aktar u aktar meta kienet gja esprimiet ruha li l-appellat kien wettaq xi forma ta' offiza fuq martu Censina Borg tant li, gustament, iccensuratu bil- qawwa kollha.'*

---

[3] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-10 ta' Novembru, 2005 (Appell Kriminali Numru: 196/2005)

L-**artikolu 467(4)** tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li:

'*Meta ma jiġix ippruvat ir-reat kif miġjub fl-att tal-akkuża,iżda mis-smigħ tal-kawża jinsab jew li sar l-istess reat imma ta'xorta anqas aggravanti jew reat iżgħar inkella attentat biss, basta li dawn ikunu kompriżi jew involuti f'xi parti tal-att tal-akkuża, il-ġuri jista' jew jeskludi ċ-ċirkostanzi aggravanti jew iżid dawk iċ-ċirkostanzi li jagħmlu r-reat ta' xorta anqas aggravanti, jew isib l-akkużat ħati ta' reat iżgħar jew ta' attentat, inkella tal-fatti lijagħmlu dak ir-reat iżgħar jew l-attentat, skont ma jkun il-każ...*'

Dan l-artikolu huwa rez applikabbli permezz tal-**artikolu 525(3)** tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghalhekk l-Ewwel Qorti kellha tikkunsidra jekk jirrizultax ir-reat izghar u cioe' dak ta' attentat. Din il-Qorti ma temminx il-verzjoni moghtija mill-appellat u cioe' li kien mar fuq il-post ghax kellu karozza ghal bejgh u li kien certu Carmel Borg li baghtu hemm. L-appellat ghalkemm provda n-numru cellulari ta' dan il-bniedem, l-Ispettur Robert Vella xehed li ghalkemm cempillu diversi drabi, qatt ma rrispondih. Kien ghalhekk jispetta lill-appellat li jressaq lil dan il-bniedem bhala xhud jekk huwa kien baghtu fuq il-post. Din il-Qorti ma tqis il-verzjoni moghtija mill-appellat bhal kredibbli. Il-verzjoni moghtija fl-istqarrija hija anke kontradetta minn dak li l-appellat qal lil Mary Mifsud meta gie konfrontat u cioe' meta skond l-istess Mary Mifsud huwa qalilha "*missierek qalli biex nigi nara l-karozza*". In oltre' meta l-appellat harab minn fuq il-post u waqqaf vettura li kienet ghaddejja huwa gab l-iskuza li sawtuh "*ghax qabduni fis-sodda ma mara ta' wiehed minnhom*" skont dak li xehed Anthony Saliba. Minkejja li rrizulta li l-vettura ma kienitx illokjata ma hemm l-ebda raguni ghala kellu jidhol f'din il-vettura u lanqas ma taghmel l-ebda sens il-verzjoni tal-appellat moghtija wkoll fl-istqarrija li huwa fetah il-bieba biex idoqq il-horn. Ghalkemm l-Ispettur Stacy Attard in kontro-ezami fil-11 ta' Lulju, 2019 ikkonfermat li l-imputat qal li l-ewwel daqq il-qanpiena ta' sid il-karozza, ma hemm l-ebda prova li l-appellat ghamel dan. Din il-Qorti tqis li ma hemmx dubju li l-iskop li l-

appellat dahal fid-*drive-in* u fetah karozza u dahal parzjalment fiha kienet *ai finijiet* ta' serq. Dan huwa kkonfermat bil-mod ta' kif gab ruhu l-appellat meta gie imwaqqaf minn Mary Mifsud u meta t-tfal ta' din Mary Mifsud hargu jimxu warajh, liema attagjament jirrizulta ukoll mill-filmat mehud minn Alec Mifsud. Jekk l-appellat verament ma kien qieghed jaghmel xejn hazin, ma kellux ghalxiex igib ruhu b'dak il-mod, irrispettivament tal-fatt li kien gia soggett ghal proceduri ohra pendenti. Ghalhekk din il-Qorti taqbel mal-Avukat Generali li l-Ewwel Qorti kellha ssib lill-appellat hati ta' attentat ta' serq bil-kwalifika tax-xorta.

Ikkunsidrat;

Illi gialadarba din il-Qorti qieghda tirrevoka fejn il-Qorti ma sabitx htija tal-ewwel imputazzjoni u qieghda ssib lill-appellat hati ta' attentat ta' serq bil-kwalifika tax-xorta, sejra tikkunsidra jekk jirrizultawx ir-raba' (4) u l-hames (5) imputazzjonijiet rigwardanti nuqqas ta' tharis ta' kundizzjonijiet imposti f'digrieti li permezz taghhom l-appellat inghata l-helsien mill-arrest f'proceduri ohra.

Ir-raba' imputazzjoni tirrigwarda '*digriet datat 14 ta' Dicembru, 2017, u varjati parzjalment permezz ta' digriet iehor moghti nhar it-**<u>12 t' Ottubru, 2019</u>**, li permezz tieghu nghata l-helsien mill-arrest b' diversi kundizzjonijiet;*' (Emfazi u sottolinear mizjud minn din il-Qorti.)

Filwaqt li d-digriet datat l-14 ta' Dicembru 2017 huwa esebit a fol 57, ma jirrizultax digriet iehor datat it-12 ta' Ottubru 2019. Din l-ahhar data indikata fir-raba' (4) imputazzjoni hija certament skorretta u dan stante li l-appellat tressaq taht arrest fit-28 ta' Mejju, 2019 u ghalhekk ma setghax jigi akkuzat li kiser digriet datat it- 12 ta' Ottubru 2019 li varja d-digriet precedenti. Din il-Qorti qieghda tifhem li din id-data fir-raba' imputazzjoni kellha taqra t- 2 ta' Ottubru 2018 skont dak li jirrizulta minn fol 62. Ghalkemm id-difiza fis-seduta tal-11 ta' Lulju 2019 kienet ezentat lil Prosekuzzjoni milli ttella lill-Ispettur Saviour Baldacchino sabiex jikkonferma l-kundizzjonijeit ghal helsien

mill-arrest esebiti fil-process, immarkat bhala Dok RV9, dokument li a fol 57 huwa d-digriet bil-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest datat l-14 ta' Dicembru, 2017 inkluz atti u digriet iehor datat it-tnax (12) ta' Ottubru, 2018. L-Avukat Generali fl-appell tieghu indika li l-indikazzjoni tas-sena 2019 minflokk is-sena 2018 huwa *lapsus calami*. Din il-Qorti izda hija tal-fehma li la darba d-digriet tal- 14 ta' Dicembru, 2017 skont dak li jirrizulta mir-raba' (4) imputazzjoni gie varjat parzjalment skont ir-raba' (4) imputazzjoni permezz ta' digriet iehor li izda d-data tieghu giet erronjament imnizzla fir-raba' imputazzjoni u cioe' fejn erronjament tnizzel it-'*12 ta' Ottubru, 2019*' liema zball ma ntalbitx korrezzjoni tieghu, din il-Qorti mhijiex sejra ssib htija ta' din ir-raba' (4) imputazzjoni.

L-appellat huwa akkuzat ukoll permezz tal-hames (5) imputazzjoni li kiser il-kondizzjonijiet tal-helsien mill-arrest moghtija fis- 17 ta' April, 2019 esebit a fol 40 u mmarkat bhala Dok FF1. L-Ispettur Fabian Fleri fis-seduta tas-6 ta' Gunju, 2019 xehed u prezenta vera kopja ta' dawn l-kundizzjonijiet ghal helsien mill-arrest fejn kien l-Ufficjal Investigattiv u l-Ufficjal Prosekutur.

Peress li l-appellat qieghed jinstab hati tar-reat ta' attentat ta' serq aggravat bix-xorta tal-haga u ghalhekk ikkommetta delitt ta' natura volontarja waqt il-helsien mill-arrest, din il-Qorti qieghda ssib lill-appellat hati ukoll tal-hames (5) imputazzjoni.

Il-Prosekuzzjoni talbet ukoll li l-Qorti tqis lill-appellat bhala recidiv. Minkejja li gew ipprezentati numru ta' sentenzi moghtija fil-konfront tal-appellat, l-Avukat Generali fl-appell tieghu ma talabx lil din il-Qorti sabiex titratta mal-akkuzat bhal recediv u ghalhekk din il-Qorti mhijiex sejra tikkunsidra jekk l-appellat huwiex recediv.

Ikkunsidrat;

Rigward il-piena, din il-Qorti trid tqis ghalhekk l-imputazzjonijiet li taghhom qieghed jinstab hati inkluz il-ksur tal-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest moghtija permezz tad-digriet tas-17 ta' Apri,l 2019 li ghalihom sejjer jigi kkundannat ghal perjodu ta' prigunerija. Tenut kont tal-fatt li l-Qorti qieghda ssib htija tat-tentattiv tar-reat ta' serq aggravat bix-xorta tal-haga izda mhux ta' reat kompletat, din il-Qorti qieghda fid-diskrezzjoni taghha tiddikjara li l-ammonti stabbiliti fid-digriet tal-helsien mill-arrest indikat fil-hames (5) imputazzjoni ma jigux konfiskati favur il-Gvern ta' Malta. Il-Qorti qieghda wkoll tirrevoka l-beneficcju tal-helsien mill-arrest fid-digriet indikat fil-hames (5) imputazzjoni.

Din il-Qorti tqis ukoll il-fedina penali refrettarja tal-appellat fejn l-appellat kien anke misjub hati diversi drabi ta' reati ta' serq u fejn xellef dufrejh diversi drabi mal-gustizzja. Ghalhekk din il-Qorti ma ghandhiex triq ohra ghajr li tikkundanna lill-appellat piena kumplessiva ta' tnax (12)-il xahar prigunerija li minnhom ghandu jitnaqqas iz-zmien li ghamel taht arrest preventiv relat ma' dawn il-proceduri.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti qieghda taqta' u tiddeciedi billi tilqa' limitatament l-appell tal-Avukat Generali billi tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma fejn l-Ewwel Qorti sabet htija tat-tieni (2) u t-tielet (3) imputazzjonijiet u fejn ma sabitx lill-appellat hati tar-raba' (4) imputazzjoni u tirrevoka fejn ma sabitx htija tal-ewwel (1) u l-hames (5) imputazzjonijiet kif ukoll tirrevoka fejn ikkundanant lill-appellat ghal xahar detenzjoni u ssib lill-appellat hati tal-ewwel (1) imputazzjoni izda limitatament ghal tentattiv ta' serq aggravat bix-xorta tal-haga, kif ukoll hati tal-hames (5) imputazzjoni u tikkundanna lill appellat piena kumplessiva ta' tnax (12) il-xahar prigunerija li minn dan il-perjodu ghandu jitnaqqas iz-zmien li l-hati ghamel taht arrest preventiv relatat ma' dawn il-proceduri.

Din il-Qorti tordna ukoll ir-revoka tad-digriet tal-beneficcju tal-helsien mill-arrest datat is-sbatax (17) ta' April tas-sena elfejn u dsatax (2019) kif indikat fil-hames (5)

imputazzjoni izda din il-Qorti qieghda fid-diskrezzjoni taghha tiddikjara li l-ammonti stabbiliti fid-digriet tal-helsien mill-arrest indikat fil-hames (5) imputazzjoni ma jigux konfiskati favur il-Gvern ta' Malta.

(ft) Consuelo Scerri Herrera
Imhallef
VERA KOPJA

Franklin Calleja
Deputat Registratur